**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/179/17/S

Paul Cassar
vs
Bonnici & Zahra Limited

Illum, 27 ta'Settembru,2018.

It-Tribunal:
Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrent ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2017 u r-Risposta ippreżentata fid-9 ta' April 2018;
Ra d-dokumenti kollha ippreżentati, sema' l-partijiet u x-xhieda prodotta minnhom kif ukoll it-trattazzjoni finali li saret fis-12 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidra:
Illi r-rikorrent talab l-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin Ewro (€286) stante pajpijiet/ċmieni li huwa xtara għaċ-ċumnija tiegħu li minkejja li ntużaw għal inqas minn sitt xhur, issaddu u saħansitra ttaqqbu fl-ewwel sena. Ir-rikorrent spjega li huwa xtara l-pajpijiet fid-29 ta' Ottubru 2015 u huwa mar għand is-soċjetà intimata f'Awwissu 2017.
Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li għalkemm il-prodotti li biegħet hi kienu ta' kwalità tajba, il-ħsara kienet riżultat ta' *misfire* mill-*pallet stove heater* li r-rikorrent ma kienx xtara mingħandhom u li huma lanqas ma kienu responsabbli għat-twaħħil tal-prodotti stante li t-twaħħil sar mir-rikorrent stess (kif xehed hu stess fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2018). Skont is-soċjetà intimata, ma kienx ġust li jkun hemm riżarċiment totali għax il-prodotti ma kinux installati b'mod korrett.

Illi Emanuel Zahra xehed li fil-fehma tiegħu, kienet saret xi splużjoni għax ma setax ikun li ċumnija li kienet ħafna 'l fuq min-nar issirilha ħsara kif espost mir-rikorrent. Zahda żied ukoll li fl-esperjenza tiegħu, qatt ma kienet ġrat xi ħaġa hekk. Ir-rikorrent ċaħad li kien hemm xi splużjoni.

Illi t-Tribunal josserva li ladarba qatt ma saret spezzjoni, ma seta' qatt ikun ikkonfermat jekk kienx minnu li l-ħsara ġrat *stante misfire* mill-*pallet stove heater* jew twaħħil ħażin tal-pajpijiet u l-*fittings* tagħhom.

Illi fir-Risposta tqajjem il-punt li meta r-rikorrent avviċina lis-soċjetà intimat bl-ilment tiegħu, il-pajpijiet deskritti bħala "304" kienu miksija b'*self-adhesive aluminium foil*, liema *foil* ma kienx mibjugħ mal-prodotti jew bħala parti minnhom iżda allegatament tqiegħed wara. Skont ir-Risposta, dan il-*foil* jista' jieħu n-nar f'ċerti sitwazzjonijiet. It-Tribunal josserva li l-impressjoni li tingħata fir-Risposta hija li aktarx mhux rakkomandat li jitqiegħed dan it-tip ta' *foil*. Ladarba Emanuel Zahra ikkonferma l-kontenut tar-Risposta taħt ġurament, qiegħed jitqies li din hija parti mix-xhieda.

Illi t-Tribunal ma jistax jinjora li s-soċjetà intimata dehret ferm sorpriża bl-akkadut u tramite x-xhud Emanuel Zahra, ġie enfasizzat li s-soċjetà intimata qatt ma kienet rat każ bħal dan. Min-naħa l-oħra, huwa innutat li lanqas ma ġew ippreżentati xi provi li l-pajpijiet u l-*fittings* relattivi kienu ta' natura tant kumplessa li kellhom bżonn tekniku biex iwaħħalhom u ma setgħux jitwaħħlu mingħajr għarfien u taħriġ speċjalizzat. It-Tribunal josserva wkoll li minn sempliċi eżami viżwali tar-ritratti esebiti, ma jidhirx li hemm evidenza ta' twaħħil ħażin. It-Tribunal, inoltre, josserva wkoll li fir-Risposta tagħha, is-soċjetà intimata ma ċaħditx il-pretensjonijiet tar-rikorrent b'mod totali stante li qalet li fil-fehma tagħha, riżarċiment totali mhux immeritat. Għalhekk, loġikament, jirriżulta li s-soċjetà intimata temmen li xi forma ta' kumpens huwa immeritat.

Illi t-Tribunal lanqas ma jista' jinjora l-fatt li l-prodotti nxtraw fit-28 ta' Ottubru 2015 u li skont ix-xhieda tiegħu stess, ir-rikorrent mar għand is-soċjetà intimata f'Awwissu 2017. Huwa xehed li tul ix-xitwa tal-2016, bdiet issir il-ħsara tant li "*ġew f'erba' biċċiet, bdew jispiċċaw.*"
Illi jidher li minkejja li l-allegata deterjorazzjoni bdiet lejn l-aħħar tas-sena 2016 (fix-xitwa), huwa jidher li ħalla

madwar tmien xhur mis-sena 2017 jgħaddu qabel mar għand is-soċjetà intimata sabiex jilmenta.
Illi għalhekk, it-Tribunal, għalkemm jemmen li saret ħsara konsiderevoli lill-prodotti relattivi, josserva li ma nġiebet ebda prova li l-prodotti ġew imwaħħlin b'mod skorrett jew li l-*istove* tar-rikorrent kellha xi *misfire* li għamlet ħsara lill-pajpijiet u lill-*fittings*.

Deċide
Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jordna li s-soċjetà intimata tħallas l-ammont ta' mitt Ewro (€100.00) stabbilit *ex aequo et bono* lir-rikorrent.
It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru